MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 67/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Butanche Monica Daniela**
**I.D. 41554A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, li precedentament kienet topera taht l-isem ta' ***Maltacom p.l.c,*** talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma, ta' elfejn disa' mija sitta u sebghin Ewro u disa' u sebghin Ewro centezmu (€2976.79), in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21976710 (AC40084616) u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

Dok A: Prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40084616.
Dok B: Kuntrat.
Doc C: Estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellatadiversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn disa’ mija sitta u sebghin Ewro u disa’ u sebghin Ewro centezmu (€2976.79), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------